A.L. 51 tal-2024

ATT DWAR L-INTRAPRIŻA TA' MALTA (KAP. 463)

Regolamenti tal-2024 dwar Għajnuna għall-Innovazzjoni għall-Intrapriżi Żgħar u Medji (SMEs) (2024)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 5 tal-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta, il-Ministru responsabbli għall-Intrapriża ta' Malta għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 dwar Għajnuna għall-Innovazzjoni għall-Intrapriżi Żgħar u Medji (SMEs) (2024).

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2024.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"Att" tfisser l-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta; Kap. 463.

"impriża" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"intrapriża żgħira jew medja (SME)" jew "(SMEs)" għandu jkollhom l-istess tifsira kif mogħti lilhom fl-Anness 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat, kif emendat minn żmien għal żmien;

"Korporazzjoni" tfisser l-Intrapriża ta' Malta kif imwaqqfa bl-artikolu 7 tal-Att;

"Linji Gwida" tfisser il-Linji Gwida kif jistgħu jiġu ppubblikati mill-Korporazzjoni minn żmien għal żmien skont l-Att;

"organizzazzjoni ta' riċerka u t-tixrid tal-għarfien" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat, kif emendat minn żmien għal żmien;

"persunal bi kwalifiki għoljin" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Anness 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat, kif emendat minn żmien għal żmien;

"servizzi ta' konsulenza dwar l-innovazzjoni" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Anness 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat, kif emendat minn żmien għal żmien;

"servizzi ta' appoġġ għall-innovazzjoni" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Anness 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat, kif emendat minn żmien għal żmien.

Għajnuna lill-impriżi eliġibbli.

3. (1) SMEs jistgħu jtejbu l-prestazzjoni innovattiva tagħhom permezz ta' aċċess għal persunal bi kwalifiki għoljin u kollaborazzjoni ma' organizzazzjoni tar-riċerka u t-tixrid tal-għarfien.

(2) Fejn il-Korporazzjoni tkun sodisfatta li SME qiegħda twettaq proġett innovattiv, l-impriża eliġibbli għandha tikkwalifika għal għotja fi flus sabiex tappoġġja azzjonijiet innovattivi skont it-termini u l-kriterji ta' eliġibilità kif stabbiliti fil-Linji Gwida.

(3) Sħubija ta' riċerka kummerċjali tista' tiġi stabbilita permezz tas-sekondar ta' persunal bi kwalifiki għoljin issekondat minn organizzazzjoni ta' riċerka u disseminazzjoni tal-għarfien jew bħala konsulenza għall-innovazzjoni pprovduta minn organizzazzjoni ta' riċerka u disseminazzjoni tal-għarfien.

Spejjeż eliġibbli.

4. L-ispejjeż eliġibbli għandhom ikunu l-ispejjeż relatati mas-sekondar ta' persunal bi kwalifiki għoljin, l-ispiża tal-konsulenza dwar l-innovazzjoni, u l-ispejjeż għas-servizzi ta' appoġġ għall-innovazzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-proġett kif preskritt ulterjorament fil-Linji Gwida.

Intensità tal-għajnuna.

5. (1) L-għajnuna massima għal kull applikazzjoni ma għandhiex teċċedi ħamsin fil-mija (50%) tal-ispejjeż eliġibbli, b'limitu massimu ta' mitejn u ħamsin elf euro (€250,000).

(2) Fil-każ ta' għajnuna għal servizzi ta' konsulenza dwar

l-innovazzjoni u ta' appoġġ għall-innovazzjoni, jekk tiġi approvata intensità ta' għajnuna 'il fuq minn ħamsin fil-mija (50%), l-għajnuna totali għal servizzi ta' konsulenza dwar l-innovazzjoni u servizzi ta' appoġġ għall-innovazzjoni għandha tkun limitata għal massimu ta' mitejn u għoxrin elf euro (€220,000) għal kull impriża fi kwalunkwe perjodu ta' tliet (3) snin.

Skadenza għas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għall-għajnuna.

6. (1) L-applikazzjonijiet għall-għajnuna skont dawn ir-regolamenti għandhom jiġu sottomessi għand il-Korporazzjoni qabel it-30 ta' Ottubru 2026.

(2) Għajnuna skont dawn ir-regolamenti ma għandhiex tingħata mill-Korporazzjoni wara l-31 ta' Diċembru 2026.

Dispożizzjoni tranżitorja.

7. F'każ li tinħareġ skema ġdida, id-dispożizzjonijiet li fir-rigward tagħhom tkun ingħatat l-għajnuna qabel il-ħruġ tal-iskema l-ġdida għandhom jibqgħu japplikaw għaliha.